MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 264/2011

**Maria Giuseppa *sive* Marie Josette Bajada Abram**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ppreżentat fil-15 ta' Marzu 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

Illi l-esponenti twieldet fid-29 ta' Ġunju 1954 minn Emanuele Bajada u martu Carmela xebba Abram.

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistratur Pubbliku bin-numru erbgħa sebgħa tlieta tlieta (4733) tas-sena 1954 anness u mmarkat Dok A, l-isem tagħha fil-kolonna "Ismijiet mogħtijin" isem ir-rikorrenti jidher bħala "Maria Giuseppa (Marie Jose')";

Illi *inoltre* fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa tniżżlu l-ismijiet "Marie Jose' (Maria Giuseppa)" minflok 'Marie Josette';

Illi l-isem magħżul għaliha mill-ġenituri tagħha ma kienux pero' 'Maria Giuseppa (Marie Jose')' iżda Marie Josette, liema isem ma ġiex aċċettat mill-paroċċa fejn kienet mgħammda peress li ma kienx isem ta' qaddisa u konsegwentement kellha tiġi reġistrata bl-isem 'Maria Giuseppa';

Illi minn meta twieldet ir-rikorrenti dejjem kienet mgaħrufa u msejħa bl-isem "Marie Josette" u qatt ma wżat l-isem Maria Giuseppa.

Illi *inoltre* l-esponenti minn dejjem kienet magħrufa b'kunjom xbubit ommha miżjud mal-kunjom patern, b'dan illi kemm għall-familjari tagħha kif ukoll għas-soċjeta' tagħna, kunjomha huwa "Bajada Abram" u għalhekk huwa opportun illi ssir annotazzjoni fl-atti tal-anagrafu sabiex din ir-realta' tiġi riflessa hemmhekk.

Illi dan kollu jidher u huwa evidenti minn diversi dokumenti annessi fosthom dokumenti uffiċjali bħalma hija l-karta tal-identita' u l-liċenzja tas-sewqan tar-rikorrenti (kopji hawn annessi u mmarkati Dok B) u minn dokumenti oħra kopja ta' liema qed jiġu annessi u mmarkati Dok C-E) u kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi tali nkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrenti, u l-esponenti tixtieq illi ċ-ċertifikat tat-twelid tagħha jirrifletti l-istat attwali;

Illi r-rikorrenti għandha nteress skond il-liġi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 li ssir d-debita korrezzjoni.

Għaldaqstant, in vista tas-su-espost, din l-Onorabbli Qorti qed tiġi mitluba sabiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, inkluż billi tordna tordna l-

opportuna pubblikazzjoni ta’ avviż *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16, jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-isem li bih ir-rikorrenti hija konsistement magħrufa u msejħa huwa “Maria Josette” u mhux “Maria Giuseppa (Marie Jose’)” jew “Marie Jose’ (Maria Giuseppa)”;

2. Tiddeċiedi u tiddikjara li l-esponenti kienet u hija konsistentement magħrufa bil-kunjom “Bajada Abram”;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, huwa jikkoreġi ċ-ċertifikat tat-twelid minnu maħruġ, bin-numru erbgħa sebgħa tlieta tlieta (4733/1954), fis-sens illi l-kolonna intesta ‘Ismijiet mogħtijin’ kif ukoll il-kolonna intestata ‘Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa’ l-ismijiet Maria Giuseppa (Maria Jose’) u Marie Jose’ (Maria Giuseppa) rispettivament jiġu sostitwiti bl-isem “Marie Josette”.

4. Tordna li ssir annotazzjoni fl-att ta’ twelid bin-numru erbgħa sebgħa tlieta tlieta (4733/1954) tar-rikorrenti fis-sens li din hija magħrufa bħala “Marie Josette Bajada Abram”.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fid-19 ta’ April 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-atti probatorji u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li a rigward it-tielet talba, d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li kien hemm bdil ta' isem kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits li għandhom jikkonfutaw it-teżi tagħha ossia li tul ħajjitha hija kienet konsistentement msejħa bħala Marie Josette u mhux Maria Giuseppa (Marie Josè);

Illi bla preġudizzju għal fuq imsemmi, l-esponenti jirrileva li r-raba' talba rigwardanti annotazzjoni fil-kunjom tar-rikorrenti fl-atti tat-twelid oriġinali tagħha li jġib in-numru progressiv 4733/1954 hija insostenibbli *stante* li l-imsemmi Att tat-Twelid ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju tal-ebda tip fejn jista' jiġi nserit il-kunjom tat-tarbija;

Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent tenut kont ukoll tal-fatt li kien proprju missier ir-rikorrenti Emmanuele li kien id-dikjarant u ta l-informazzjoni kollha li imbagħad tniżżlet fiċ-ċertifikat tar-rikorrenti bin-numru ta' reġistrazzjoni 4733 tas-sena 1954 u saħansitra ffirma l-istess att. Kwindi l-esponent m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru 2011 il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isimha hija evidentement ġustifikata billi l-attriċi dejjem kienet magħrufa bħala **Marie Josette** u mhux kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Fir-rigward tal-kunjom, għandu raġun il-konvenut jeċċepixxi li kolonna intestata għall-kunjom it-tarbija ma teżistix; pero' l-attriċi qed titlob annotazzjoni u mhux korrezzjoni u għalhekk it-talba relattiva se tiġi akkolta.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------